22 ta' Mejju, 1946.

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**James Cachia English *versus* Mary Cachia ne.**

## Alimenti — Aħwa.

*Is-sentenzi li bihom jiġu "officio judicis" mogħtija l-alimenti huma mix-xorta tagħhom stess provviżorji, u huma suġġetti li jiġu modifikati jew revokati f'każ ta' tibdil fil-kondizzjoni finanzjarja ta' min għandu jħallas l-alimenti jew ta' min għandu jirċevihom.*

*L-obligazzjoni ta' l-aħwa bilaterali, jew konsangwinei jew uterini biss, huwa eċċezzjonali u "in subsidium"; u l-obligu ta' l-omm li tmantni lill-uliedha jiġi qabel dak ta' l-aħwa.*

*Għalkemm it-talba tkun għall-eżoneru komplet mill-obligu tal-prestazzjoni ta' l-alimenti, il-Qorti tista' "per equipollens" takkorda riduzzjoni minflok l-eżoneru komplet.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur ippremetta illi b'sentenza ta' dina l-Qorti tal-21 ta' Novembru 1941 (dok. A) hu ġie kundannat iħallas lil Maria armla ta' Leone Cachia, bħala kuratriċi "ad litem" tal-minuri tfal tagħha Giuseppe, Emmanuele, Giovanni, Maria, Consiglia u Alfred, aħwa Cachia, is-somma ta' 1s.6d. kuljum għall-manteniment tagħhom; u illi l-lum tbiddlet il-kondizzjoni finanzjarja ta' l-imsemmija Maria armla ta' Leone Cachia, li hija tenuta qabel l-attur li tmantni lill-uliedha ħutu, għaliex tinsab impjegata b'salarju ta' £2 fil-ġimgħa, u għandha tifel impjegat id-Dockyard b'salarju ta' 13s. fil-ġimgħa, u erbgħa oħra minn uliedha jinsabu rikoverati gratuwitament fl-Istituti Governativi; u għalhekk talab li hu jiġi dikjarat minn dina l-Qorti eżenti milli jissomministra ulterjorment l-alimenti lil ħutu paterni li għalihom ġie kundannat bis-sentenza fuq imsemmija. Bl-ispejjeż. Il-konvenuti huma minn issa nġunti għas-subizzjoni;

***Omissis;***

Ikkunsidrat;

Illi b'sentenza ta' din il-Qorti tal-21 ta' Novembru 1941 l-attur, tifel ta' Leone Cachia mill-ewwel żwieġ tiegħu ma' Katie English, ġie kundannat iħallas lill-minuri fuq imsemmija (Giuseppe, Emmanuele, Giovanni, Maria, Consiglia u Alfred) ħutu konsangwinei mit-tieni żwieġ ta' missieru, l-imsemmi Leone Cachia, mal-konvenuta Mary, ir-retta alimentarja ta' xelin u nofs kuljum;

Illi, kif qalet din il-Qorti, sedenti l-Imħallef Dr. Lorenzo Xuereb, fil-kawża "Agius vs. Dr. Frendo nomine" maqtugħa fit-2 ta' Ġunju 1873, is-sentenzi li bihom jiġu "officio judicis" mogħtija l-alimenti huma mix-xorta tagħhom stess provviżorji; għar-raġuni evidenti illi ma' kull kambjament li jissuċċiedi, sija f'dak li għandu jissomministrahom, sija f'dak li għandu jirċievi l-alimenti, dawn is-sentenzi huma suġġetti li jiġu modifikati, jew skond il-każ revokati. Dan, del resto, hu liġi espressa, statwita fl-art. 28 Kodiċi Ċivili, Kap. 23. L-azzjoni ta' l-attur hi għalhekk bażata fuq dak l-artikolu;

Ikkunsidrat;

Illi l-ewwel parti ta' dak l-artikolu (subartikolu 1) tikkontempla l-każ li fih min jagħti l-manteniment jiġi fi stat li ma jkunx jista' aktar jagħti l-manteniment kollu jew biċċa min-

nu. Fil-każ preżenti, din l-ipotesi ma tirrikorrix, għaliex anzi, mentri mill-attijiet tas-sentenza ta' l-1941, fuq imsemmija, jirriżulta li dik il-ħabta...........;

Illi però, il-ħelsien u r-riduzzjoni jistgħu jiġu ordnati wkoll meta jispiċċa, f'kollox jew f'parti, il-bżonn tal-persuna li tirċievi l-manteniment (sub-artikolu 2 idem). Intqal fis-sentenza ta' l-1873, fuq ċitata :— "Essendo gli alimenti accordati in ragione dei bisogni di chi li domanda, di necessità ne consegue che, cessata la ragione, cessata cioè la necessità, devono anche venire meno le conseguenze";

Ikkunsidrat;

Illi meta ngħatat is-sentenza ta' l-1941, il-minuri fuq imsemmijin kienu l-akbar wieħed ta' 11-il sena...........;

Ikkunsidrat;

Illi din il-Qorti hi tal-fehma illi l-bżonn tal-minuri naqas, għalkemm ma spiċċax għal kollox. Infatti :—

1. It-tifel il-kbir qiegħed jaħdem...........;

*Omissis;*

3. Il-konvenuta fl-1941 ma kienetx taħdem, għaliex probabilment ma kienetx tant tista' toħroġ taħdem minħabba li kellha fuq spallejha sitt itfal żgħar, l-akbar (allura) ta' ħdax-il sena u l-iżgħar ta' sentejn u nofs. Il-lum il-pożizzjoni tbiddlet..........., u l-konvenuta tista' tagħmel rangamenti, kif evidentement sabet mezz li tagħmel minn mindu impjegat ruħha. L-obligu tagħha li tmantni l-uliedha jiġi qabel dak ta' l-attur, ħuhom unilaterali, għaliex l-obligu ta' l-aħwa bilaterali, jew konsangwinei jew uterini biss, hu eċċezzjonali (Prim'Awla 28 ta' Mejju 1870, "Pace utrinque", Vol. V, paġ. 368) u "in subsidium" (Prim'Awla "Schembri utrinque", 10 ta' Novembru 1874, Vol. VII, paġ. 228). Tant hu hekk li l-aħwa ma humiex fl-iskala ta' l-obligati ta' l-artikolu 19 Kodiċi Ċivili, imma jissemmew wara, fl-art. 22 idem. Xejn ma jiswa illi l-konvenuta issa ġiet liċenzjata, għaliex, fil-każ tagħha, bħala alimentanti potenzjali ta' wliedha l-minuri fuq imsemmijin, il-profitti ta' professjoni, arti u mestjer, li ssemmi l-liġi, m ahumiex biss dawk ta' professjoni, arti u mestjer, attwalment eżerċitati, imma anki dawk ta' professjoni, arti u mestjer, li jistgħu jiġu eżerċitati (Appell 16 ta' April 1890, "Sant utrinque"; Prim'Awla "Schembri vs. Galea", 17 ta'

Novembru 1900); partikolarment il-lum meta l-impjeg tan-nisa, li kien dari eċċezzjonali, sar aktar estiż;

Għalhekk, verament, il-bżonn il-lum ma għadux ta' sitta, imma ta' tlieta mit-tfal, u l-konvenuta tista' l-lum tgħin għall-manteniment ta' dawn it-tlieta, u lanqas imissha ma tippruvax tħaffef il-piż ta' l-attur, flok taggravah, billi toħroġ il-bniet mill-istitut, jew tibgħat it-tifel Alfred fi skola mhux tal-Gvern, jew ma tiffrankax il-privat tat-tifel Giuseppi, jew ma tfittixx impjeg ieħor konvenjenti hija stess;

Ikkunsidrat;

*Omissis;*

Illi l-istanza hi għall-eżoneru komplet. Imma l-istanza tista' tiġi sostnuta għar-riduzzjoni, għaliex fil-"più" hu kompriż il-"meno", u "per equipollens" l-eżoneru, jekk hu parzjali, jammonta għal riduzzjoni;

*Omissis;*

Għal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeċidi;

Billi tilqa' t-talba fis-sens li tirriduċi l-pensjoni alimentarja mis-somma ta' 1s. 6d. kuljum għal dik ta' 1s. kuljum, jitħallsu fil-mod ordnat qabel. Ir-riduzzjoni tkun operativa minn nhar il-Ġimgħa 24 tax-xahar;

L-ispejjeż jibqgħu bla taxxa; dritt tar-reġistru għak-kariku ta' l-attur.